**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 25 ta' Marzu, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 310/2021 AF**

**Four X Limited (C-14386)**

**vs**

**L-Avukat Mark A. Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo**

**u b'digriet tal-Qorti tal-10 ta' Ottubru 2022, il-Qorti ordnat li tissejjah fil-kawza lis-socjetà Mediterranean Flower Products Limited (C-2197)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tar-rikorrenti Four X Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Il-kumpannija esponenti kienet ipproċediet b'kawża li għandha r-rikors maħluf bin-numru: 104/2010/JA billi ħarrket żewġ kumpanniji, waħda jisimha Mediterranean Flower Products Limited u l-oħra jisimha Flower Power (Sales) Limited.

Is-sentenza minn dina l-Onorabbli Qorti fl-atti tar-rikors maħluf hawn fuq imsemmi bin-numru: 104/2010/JA fl-ismijiet "Four X Limited v. Mediterranean Flower Products Limited u Flower Power (Sales) Limited" ingħatat nhar id-29 ta' April, 2015, kopja ta' liema qegħda tiġi hawn annessa u immarkata bħala "**Dok. FX1**".

Minn din is-sentenza appellaw kemm il-kumpannija esponenti kif ukoll il-kumpannija Mediterranean Flower Products Limited.

Meta l-kumpannija Mediterranean Flower Products Limited ippreżentat l-appell tagħha hija ppreżenta ukoll rikors nhar it-18 ta' Mejju, 2015 li bih talbet illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell jogħġobha tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-kumpannija Flower Power (Sales) Limited.

B'digriet mogħti nhar id-29 ta' Frar, 2016 fuq l-imsemmija talba tal-kumpannija Mediterranean Flower Products Limited ġew maħtura il-konvenuti f'dina l-kawża bħala kuraturi deputati sabiex jidhru għall-kumpannija Flower Power (Sales) Limited. Kopja tar-rikors u d-digriet hawn imsemmija qegħdin jiġu hawn annessi u immarkati bħala "**Dok. FX2**".

B'sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell nhar il-11 ta' Frar, 2021, kopja ta' liema qegħda tiġi hawn annessa u immarkata bħala "**Dok. FX3**", dik il-Qorti iddeċidiet dan illi ġej:

> *Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell tal-ewwel konvenuta, tħassar is-sentenza appellata safejn tolqot l-*

*interess tal-ewwel kon-venuta u tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi safejn magħmula kontra l-ewwel konvenuta.*

*Tilqa' wkoll l-appell tal-attriċi iżda biss safejn jolqot l-interess tat-tieni konvenuta billi tirriforma s-sentenza appellata: tkkonfermaha safejn laqgħet it-talbiet kontra t-tieni konvenuta iżda tħassarha fejn illikwidat il-penali fis-somma ta' ħamsa u sittin elf euro (€65,000) u, minflok, tillikwida l-penali fis-somma ta' miljun, ħames mija u tlieta u għoxrin elf, erba' mija u għaxar euro u għoxrin ċenteżmu (€ 1,523,410.20) u tikkundanna lit-tieni konvenuta tħallas il-penali hekk likwidata flimkien mal-imgħaxijiet kif imfisser fil-para. 31, supra.*

*L-ispejjeż tal-ewwel grad u tal-appell tal-attriċi relativi għat-talbiet kontra t-tieni konvenuta tħallashom it-tieni konvenuta; l-ispejjeż tal-ewwel grad u taż-żewġ appelli relativi għat-talbiet kontra l-ewwel konvenuta tħallashom l-attriċi.*

Mingħajr l-ebda forma ta' komunikazzjoni, il-konvenuti qabdu u ippreżentaw mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-kumpannija esponenti bin-numru: 444/2021 fl-ismijiet "Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u PL Marie Claire Bartolo kuraturi deputati ta' Flower Power (Sales) Limited permezz ta' digriet tad-29 ta' Frar, 2016 v. Four X Limited" li bih talbu illi tiġi ikkawtelata s-somma ta' sitta u tletin elf mitejn erbgħa u ħamsin Euro u tletin ċenteżmu (€36,254.30) biex skonthom jikkawtelaw "drittijiet tal-kuraturi wara sentenza in ġudikat mill-Appell Superjuri numru 104/10 fil-11 ta' Frar, 2021 liema qed kontestwalment tiġi resa eżekuttiva permezz ta' ittra uffiċjali". Dan il-mandat ta' sekwestru ġie ippreżentat u akkordat nhar il-25 ta' Marzu, 2021 u kopja tiegħu qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "**Dok. FX4**".

B'ittra uffiċjali ippreżentata mill-konvenuti kontra l-kumpannija esponenti nhar il-25 ta' Marzu, 2021 bin-numru: 1173/2021 fl-ismijiet "Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u PL Marie Claire Bartolo v. Four X Limited" huma interpellaw lill-kumpannija esponenti tħallashom is-somma ta' sitta u tletin elf mitejn erbgħa u ħamsin Euro u tletin ċenteżmu (€36,254.30) u intimawha illi fin-nuqqas

ser jitolbu l-ħruġ ta' mandati appożiti għall-eżekuzzjoni tal-ħlas. Kopja ta' din l-ittra uffiċjali qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "**Dok. FX5**".

Il-kumpannija esponenti ma għandha tagħti u ma għandha tħallas xejn lill-konvenuti billi, fost raġunijiet oħra, skond is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell nhar il-11 ta' Frar, 2021 l-ispejjeż ta' l-ewwel grad u ta' l-appell ippreżentat mill-kumpannija esponenti relattivi għat-talbiet kontra l-kumpannija Flower Power (Sales) Limited għandha tħallashom dik il-kumpannija u ma kien hemm l-ebda kundanna sabiex il-kumpannija esponenti tħallas xi ammont lill-konvenuti.

Il-konvenuti ma ġewx maħtura bħala kuraturi fuq talba tal-kumpannija esponenti.

Għalhekk kellha issir dina l-kawża.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kumpannija esponenti ma għandha tagħti u ma għandha tħallas xejn lill-konvenuti, fost raġunijiet oħra, billi skond is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-atti tar-rikors maħluf bin-numru: 104/2010/JA fl-ismijiet "Four X Limited v. Mediterranean Flower Products Limited u Flower Power (Sales) Limited" nhar il-11 ta' Frar, 2021 l-ispejjeż ta' l-ewwel grad u ta' l-appell ippreżentat mill-kumpannija esponenti relattivi għat-talbiet kontra l-kumpannija Flower Power (Sales) Limited għandha tħallashom dik il-kumpannija u ma kien hemm l-ebda kundanna sabiex il-kumpannija esponenti tħallas xi ammont lill-konvenuti;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti ma għandhom l-ebda titolu eżekuttiv kontra l-kumpannija esponenti inkluż bis-saħħa tat-taxxa uffiċjali maħruġa in segwitu għas-sentenza bin-numru: 104/2010/JA fl-ismijiet "Four X Limited v. Mediterranean Flower Products Limited u Flower Power (Sales) Limited";

3. Tiddikjara u tiddeċiedi ukoll illi bl-ittra uffiċjali ippreżentata mill-konvenuti kontra l-kumpannija esponenti nhar il-25 ta' Marzu, 2021 bin-numru: 1173/2021 fl-ismijiet "Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u PL Marie Claire Bartolo v. Four X Limited" ma ġietx reża eżekuttiva u ma setgħet qatt tiġi reża eżekuttiva fil-konfront tal-kumpannija esponenti t-taxxa uffiċjali maħruġa in segwitu għas-sentenza bin-numru: 104/2010/JA fl-ismijiet "Four X Limited v. Mediterranean Flower Products Limited u Flower Power (Sales) Limited";

4. Konsegwentament tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru ippreżentat mill-konvenuti kontra l-kumpannija esponenti bin-numru: 444/2021 fl-ismijiet "Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u PL Marie Claire Bartolo qua kuraturi deputati ta' Flower Power (Sales) Limited permezz ta' digriet tad-29 ta' Frar, 2016 v. Four X Limited".

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti illi huma minn issa stess inġunti in subizzjoni. B'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-kumpannija esponenti kontra l-konvenuti.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-intimati Kuraturi Deputati l-Avukat Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u l-PL Marie Claire Bartolo, li permezz tagħha ġie eċċepiet illi:

L-esponenti ghandhom favurhom taxxa tal-Qorti wara n-nomina taghhom bhala kuraturi deputati, b'digriet tad-29 ta' Frar 2016 sabiex jirrapprezentaw lis-socjetà Flower Power (Sales) Limited.

In segwitu giet intavolata ittra ufficcjali bit-taxxa sudetta kontra r-rikorrenti, li giet debitament notifikata u li wara tali notifika ebda procedura ta' ritassa ma saret *entro* t-terminu stabbilit mill-ligi.

Minkejja li r-rikorrenti qed isostni li din it-taxxa mhux dovuta da parti taghha, peress li ma kienitx hi li talbet il-hatra tal-kuraturi deputati, l-istess rikorrenti ghamlet uzu mill-kurazija billi n-notifikat l-appell intavolat minnha lill-istess kuraturi.

Bla pregudizzju, stante li r-rikorrenti qed isostni li mhux dovuta kontra taghha din it-taxxa tal-Qorti hemm il-htiega li s-socjetà Mediterranean Flower Products Limited C-2197, il-konvenuta l-ohra fil-proceduri originali u li ghamlet it-talba ghall-hatra tal-kuraturi deputati, tigi kkjamata in kawza u dan sabiex tigi ddeterminata din il-kwistjoni darba ghal dejjem minn l-Onorabbli Qorti li anke ghal raguni ta' ekonomija tal-gudizzju tkun din il-procedura li tiddetermina din il-kwistjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi b'digriet tal-10 t'Ottubru 2022 din il-Qorti ordnat il-kjamat in kawża tas-soċjetà Mediterranean Flower Products Ltd.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Mediterranean Flower Products Limited, permezz ta' liema ġie eċċepit illi:

Fl-ewwel lok, l-ebda wahda mit-talbiet attrici huma diretti fil-konfront tas-socjetà eccippjenti, billi dawn jittrattaw biss il-kap tal-ispejjez deciz fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet *Fourx X Limited vs Mediterranean Flower Products Limited et* (Rikors Numru 104/2010) deciza fil-11 ta' Frar 2021, li jirrigwarda lis-socjetà attrici u Flower Power (Sales) Limited u/jew il-kuraturi nominati in rapprezentanza tal-istess u konsegwentement is-socjetà eccipjenti mhijiex legittimu kuntradittur u ghalhekk l-istess talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Subordinatament u minghajr pregiudizzju ghall-premess, trid issir distinzjoni bejn spejjez gudizzjarji dovuti mis-socjetà Flower Power (Sales) Limited u l-hlas tad-drittijiet dovuti lill-kuraturi deputati nominati sabiex jirraprezentaw lill-istess Flower Power (Sales) Limited. Skont il-ligi id-drittijiet dovuti lill-kuraturi deputati jithallsu mill-parti li tkun talbet il-hatra taghhom. Is-socjetà eccipjenti talbet il-hatra tal-kuraturi limitatament ghall-appell minnha intavolat wara s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tad-29 ta' April 2015 u kif jidher mit-taxxa mahruga id-dritt tal-kuraturi ghall-appell maghmul mis-socjetà attrici jammonta ghal Eur1,783.20 u Eur594.40. Id-dritt tal-kuraturi relattivament ghall-appell maghmul mis-socjetà attrici jammonta ghal Eur21,253.87 u Eur7,084.62. Kwindi id-drittijiet

dovuti lill-kuraturi deputati jithallsu mill-parti li tablet il-hatra taghhom minghajr pregudizzju ghad-dritt li l-istess parti tirkupra dawk l-istess spejjez gudizzjarju kif ordnat mill-Qorti fis-sentenza in kwistjoni.

Minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-ebda ammonti huma dovuti mis-socjetà esponenti lis-socjetà attrici u jekk xejn sal-lum is-socjetà attrici ghadha ma hallsitx l-ispejjez dovuti minnha lis-socjetà eccipjenti a tenur tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell hawn fuq indikata.

Salvi eccezzjonijiet ohra skont il-ligi.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet kollha.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi l-proċedura odjerna tittratta l-kwistjoni dwar min għandu jħallas id-dritt dovut lill-intimati odjerni *qua* kuraturi deputati tas-soċjetà terza Flower Power Limited. Tajjeb illi qabel xejn jingħata suċċint tal-fatti li wasslu għal din il-kawża sabiex wieħed jifhem minn fejn twieldet it-talba tar-rikorrenti.

Mill-provi jirriżulta illi b'kuntratt tal-10 ta' Ġunju 1998 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Abela, Mediterranean Flower Products Limited biegħet u ttrasferiet favur is-soċjetà rikorrenti s-sehem ta' nofs indiviż minn medda ta' art ġewwa Ta' Qali kif din tinsab aħjar deskritta fuq l-imsemmi konvenju. Fuq l-istess kuntratt ġie rikonoxxut illi Flower Power Limited hija inkwilina fuq parti mill-art mertu tal-konvenju tal-10 ta' Ġunju 1998. Dejjem fuq l-istess kuntratt, il-partijiet qablu wkoll illi l-art tinbiegħ u li Flower Power Limited ikollha żmien sena mill-data tal-iffirmar tal-konvenju għall-bejgħ tal-art sabiex tiżgombra mill-proprjetà *de quo*. Din il-kondizzjoni ġiet soġġetta għal penali giornaliera. Intant, b'konvenju tat-18 ta' Diċembru 2007 il-partijiet qablu dwar il-bejgħ tal-art lil The Maltese Clipper Limited.

B'żewġ ittri ufficcjali datati 11 ta' Jannar 2008 u 26 ta' Jannar 2009 rispettivament, kif ukoll bi protest ġudizzjarju tat-8 ta' Ottubru 2009, is-soċjetà rikorrenti intimat lil Mediterranean Flower Products Limited u Flower Power Limited sabiex jiżgombraw mill-art biss dawn baqgħu inadempjenti. In vista ta' dan, is-soċjetà rikorrenti pproċediet b'kawża fil-konfront ta' Mediterranean Flower Products Limited u Flower Power Limited. B'sentenza tad-29 t'April 2015 fl-ismijiet Four X Limited vs Mediterranean Flower Products Limited (C2197) et (Rik. Ġur. No. 104/10JA) il-Qorti ċaħdet "l-*eċċezzjonijiet tas-soċjetajiet konvenuti u tilqa' t-talbiet attriċi iżda limitatament kif ġej, u cjoe billi tikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti solidament bejniethom iħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' €65,000 salv kull dritt 'si et quatenus' applikabbli bejniethom*". Il-Qorti ordnat illi l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetajiet intimati in solidum bejniethom.

Din is-sentenza ġiet appellata *sia* mis-soċjetà rikorrenti kif ukoll minn Mediterranean Flower Products Ltd. Kontestwlament mar-rikors t'appell, Mediterranean Flower Products Limited intavolat ukoll rikors ai termini ta' liema talbet in-nomina ta' kuraturi deputati għal Flower Power Limited. B'digriet tad-29 ta' Frar 2016 il-Qorti tal-Appell laqgħet it-talba u ħatret lill-Avukat Dottor Mark A. Mifsud Cutajar u lill-PL Marie Claire Bartolo sabiex jirrappreżentaw l-interessi ta' Flower Power Limited.

Il-Qorti tal-Appell iddeċidiet il-vertenza bejn il-partijiet b'sentenza tal-11 ta' Frar 2021 fejn qalet hekk:

> "*32. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell tal-ewwel konvenuta, tħassar is-sentenza appellata safjen tolqot l-interessi tal-ewwel konvenuta u tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi safejn magħmula kontra l-ewwel konvenuta.*
>
> *33. Tilqa' wkoll l-appell tal-attriċi iżda biss safejn jolqot l-interess tat-tieni konvenuta billi tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha safejn laqgħet it-talbiet kontra t-tieni konvenuta iżda tħassarha fejn illikwidat il-penali fis-somma ta' ħamsa u sittin elf euro (€65,000) u, minflok, tillikwida l-penali fis-somma ta' miljun, ħames mija u tlieta u għoxrin elf, erba' mija u għaxar euro u għoxrin ċenteżmu*

*(€1,523,410.20) u tikkundanna lit-tieni konvenuta tħallas il-penali hekk likwidata flimkien mal-imgħaxxijiet kif imfisser fil-para. 31, supra.*

*34. L-ispejjeż tal-ewwel grad u tal-appell tal-attriċi relattivi għat-talbiet kontra t-tieni konvenuta tħallashom it-tieni konvenuta; l-ispejjeż tal-ewwel grad u taż-żewġ appelli relattivi għat-talbiet kontra l-ewwel konvenuta tħallashom l-attriċi*."

Minn qari tal-parti dispożittiva tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell jidher ċar illi waqt li l-Qorti kkundannat lis-soċjetà attriċi tħallas l-ispejjeż ta' Mediterranean Flower Products Ltd stante li din instabet li ma kellha ebda responsabilità għat-talbiet attriċi, Flower Power Limited ġiet ikkundannata tħallas mhux biss il-penali għan-nuqqas ta' żgumbrament tagħha mill-art iżda wkoll illi tħallas l-ispejjeż tal-kawża *sia* dawk *in prima istanza* kif ukoll dawk tal-appell u dan għar-raġuni li *del resto* kienet instabet ħatja ta' inadempjenza kontrattwali u *per* konsegwenza kienet il-ħtija wara l-ħtieġa li r-rikorrenti tidħol fi proċeduri fil-konfront tagħha.

In segwitu għall-għoti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, il-kuraturi deputati u intimati fil-kawża odjerna, pproċedew billi talbu l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru in kawtela tad-drittijiet tagħhom *qua* kuraturi, liema drittijiet ġew kwantifikati fis-somma ta' €36,254.30 rappreżentanti drittijiet dovuti lill-Avukati u Prokuratur Legali skont it-taxxa ufficcjali, VAT u spejjeż oħra. Dan il-mandat ġie akkordat b'digriet tal-25 ta' Marzu 2021. Il-kuraturi u intimati fil-kawża tal-lum segwew il-mandat kawtelatorju b'ittra ufficcjali tal-25 ta' Marzu 2021 (117/21) permezz ta' liema intimaw lis-soċjetà rikorrenti tħallas is-somma komplessiva ta' €36,254.30.

Ir-rikorrenti pproċediet b'din il-kawża fil-konfront tal-intimati *qua* kuraturi, sabiex tikkontesta l-pretensjoni tagħhom għall-ħlas tas-somma ta' €36,254.30. Tgħid illi hija ma ġietx ikkundannata tħallas l-ispejjeż relattivi għall-kuraturi u għaldaqstant ma jinkombix fuqha li tħallas tali spejjeż. Mill-banda l-oħra, l-intimati eċċepew illi għandhom taxxa favur tagħhom, li t-taxxa ġiet debitament notifikata u li ma tressqet

ebda talba għar-ritassa. Eċċepew ukoll illi r-rikorrenti nnotifikat l-appell tagħha lill-kuraturi u li b'hekk allura użat il-kurazija. Finalment eċċepiet ukoll il-ħtieġa li tiġi kjamata in kawża s-soċjetà Mediterranean Flower Products Limited.

Stante illi b'digriet tal-10 t'Ottubru 2022 il-Qorti laqgħet it-talba tal-intimati u ordnat il-kjamat in kawża ta' Mediterranean Flower Products Limited, din l-eċċezzjoni tinsab għalhekk sorvolata.

Da parti tagħha l-kjamata in kawża eċċepiet illi mhijiex leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi. Huwa minnu li t-talbiet attriċi huma ndirizzati lejn l-intimati li pproċedew fil-konfront tagħha bil-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru u b'intimazzjoni ufficcjali. Biss, tenut kont tal-fatt li din il-vertenza tittratta min sewwa sew għandu jħallas l-ispejjeż ġudizzjarji relattivi għall-kuraturi, u tenut ukoll kont tal-fatt li Mediterranean Flower Products Limited kienet parti ntegrali mill-proċeduri li ppreċedew din il-kawża u fuq kollox tenut kont tal-fatt li kienet proprju Mediterranean Flower Products Limited li talbet in-nomina tal-kuraturi deputati, din il-Qorti tqis illi Mediterranean Flower Products Limited għandha tipparteċipa f'din il-kawża u tiddefendi l-pożizzjoni tagħha għaliex wara kollox il-ġudizzju li trid tagħti l-Qorti llum jista' jimpatta direttament fuqha. Tqis għalhekk illi Mediterranean Flower Products Limited għandha l-interess ġuridiku meħtieġ mil-liġi sabiex tipparteċipa attivament f'dawn il-proċeduri, anki jekk finalment jirriżulta li dan l-interess huwa biss passiv.

Il-pern tal-kwistjoni odjerna jittratta espliċitament min huwa fid-dover illi jħallas l-ispejjeż tal-kuraturi deputati, spejjeż li r-rikorrenti tiċħad kategorikament li huma pagabbli minnha.

L-intimati eċċepew illi ma saritx talba għar-ritassa. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom ir-rikorrenti ddikjaraw illi ma kienx hemm ħtieġa li ssir talba għar-ritassa għar-raġuni li din ma kiienitx neċessarja la darba qatt ma kien minnha dubitat jew kontestat id-dritt tal-kuraturi. Iddikjarat ukoll illi taqbel mad-dritt kif intaxxat mir-Reġistratur tal-Qorti.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, ir-rikorrenti kompliet tgħid illi ma kienitx hi illi ressqet it-talba għall-ħatra tal-kuraturi. Din

il-ħatra saret fuq talba ta' Mediterranean Flower Products Limited. Tgħid ukoll illi bil-fatt li r-rikors tal-appell tagħha ġie notifikat lill-kuraturi ma jfissirx b'daqshekk li hija għamlet użu mill-kurazija.

Il-Qorti taqbel mal-argument tar-rikorrenti li l-fatt tan-notifika tar-rikors tal-appell tagħha lill-kuraturi ma jimplikax awtomatikament li r-rikorrenti għamlet użu mill-kurazija. La darba l-Qorti ħatret kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Flower Power Limited, fil-konfront ta' liema r-rikorrenti kienet qiegħda tappella, allura huwa ovvju li r-rikors tal-appell kellu tabilħaqq jiġi notifikat lilhom sabiex b'hekk iwieġbu u jħarsu l-interessi tas-soċjetà minnhom rappreżentata. Dan però mhuwiex *per se* użu tal-kurazija iżda pass ovvju la darba n-notifika ma setgħetx issir direttament lill-parti nteressata.

Ir-rikorrenti għandha wkoll raġun meta tgħid illi l-kuraturi ma nħatrux fuq talba tagħha. Mill-provi in atti jidher ċar illi t-talba għall-ħatra tal-kuraturi tressqet minn Mediterranean Flower Products Limited u mhux mis-soċjetà rikorrenti.

Il-Qorti tal-Appell ikkundannat lis-soċjeta' Flower Power Limited tħallas "*l-ispejjeż tal-ewwel grad u tal-appelli tal-attriċi relattivi għat-talbiet kontra t-tieni konvenuta tħallashom it-tieni konvenuta*". L-ordni tal-Qorti tal-Appell hija ċara – hija Flower Power Limited li ġiet ikkundannata tħallas l-ispejjeż tal-ewwel grad u dawk tal-appell. Ma jistax jingħad li hemm xi kundanna fil-konfront tar-rikorrenti għall-ħlas tal-ispejjeż marbuta ma' Flower Power Limited.

Din il-Qorti kif adita ġiet mitluba esklussivament illi tiddikjara li r-rikorrenti m'għandiex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni tal-intimati kif avvanzata minnhom fil-konfront tagħha. La darba l-Qorti hija marbuta sabiex tiddeċiedi strettament dwar it-talbiet u l-eċċezzjonijiet kif dedotti fir-rikors promotur, u la darba ma tressqitx kontro-talba, mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tippronunzja ruħha dwar min għandu l-obbligu jħallas l-ispejjeż tal-kuraturi deputati – dan huwa mertu li jrid jiġi trattat u deċiż b'kawża *ad hoc*.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati.

2. Tiċħad ukoll l-eċċezzjonijiet tal-kjamat in kawża.

3. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi r-rikorrenti m'għandhiex tħallas l-ispejjeż ġudizzjarji tal-kuraturi deputati.

4. Tilqa' t-tieni u t-tielet talba u tiddikjara illi l-intimati m'għandhom ebda titolu eżekuttiv fil-konfront tar-rikorrenti.

5. Tilqa' wkoll ir-raba' talba u tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 444/2021 fl-ismijiet Dr Mark A. Mifsud Cutajar u PL Marie Claire Bartolo *qua* kuraturi deputati ta' Flower Power (Sales) Limited permezz ta' digriet tad-29 ta' Frar 2016 vs Four X Limited.

6. Tordna lill-intimati jħallsu l-ispejjeż in konnessjoni mal-proċeduri odjerni.

IMHALLEF

DEP/REG